MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1488/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C. Reg. No. C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Cortis (ID: 212448 M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Anthony Cortis**

**Vs**

**Darren Galea (ID: 182881 M) u Saviour sive Salvu Borg (ID: 183539 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' elf mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,286.88c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenuti kienu

unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Ra r-Risposta ta' Salvu Borg fejn qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident izda kien tort ta' Darren Galea."

Ra r-Risposta ta' Darren Galea fejn qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Darren Galea qal:

"Kont gej minn Triq Dun Lawrenz Degabriele, Zejtun u kif ksirt fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun biex immur lejn id-direzzjoni ta' Bir id-Deheb laqtitni karozza numru HAA 882 li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn, dawritni, tlift il-kontroll ta' l-isteering wheel u l-karozza mxiet waheda ghal gol-karozzi li kienu pparkjati."

Rodianne Caruana qalet:

"Kelli l-karozza numru IAO 321 ipparkjata quddiem il-garaxx tad-dar taghna "St Catherine", Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun u smajt hoss kbir u x'hin hrigt sibt li karozza numru KAA 608 KIA kienet ghada kemm dahlet go fiha."

Karmnu Debono bil-vetturi NIC 245 u CBE 998 qal:

"Kulma naf li kelli l-karozza pparkjata quddiem id-dar fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun u smajt hoss kbir u sibt li karozza numru KAA 608 KIA habtet go fina."

Philip Cortis qal:

"Kelli l-karozza pparkjata fi Triq il-President Anton Buttigieg u habtet karozza KIA numru KAA 608 go fina."

Salvu Borg qal:

"Kont gej min-naha ta' Wied il-Ghajn, waqaft bl-*indicator* biex nuri li ser nikser lejn il-lemin fi Triq Dun Lawrenz Degabriele, Zejtun, meta f'daqqa wahda qabzitni karozza

KIA numru KAA 608 minn wara, laqatni u baqa' sejjer dritt *wrong side* u habat gol-karozzi pparkjati."

Ra illi apparti li kien hemm il-hsara fil-vetturi kien hemm ukoll hsara f'bieb ta' garaxx u *gate* ta' l-*aluminium*.

Ra l-verzjoni tal-pulizija fejn qalu:

"Charges were issued against Darren Galea, driver of vehicle number KAA 608 KIA, for driving dangerously and with an excessive speed."

Ra d-deskrizzjoni ta' l-assigurazzjoni li tghid:
"As stated by the drivers in their versions. It is to be noted that charges were issued against Darren Galea, driver of vehicle KIA number KAA 608, for driving dangerously and with an excessive speed, the police instructed Galea to do the breathalyzer test, but while the mobile police were arriving with the breathalyzer test machine, Galea fell to the ground and in an unconscious state and was conveyed to hospital by his brother Clayton. The Police went to check at St Lukes Hospital but Darren did not go there. Darren went to Paola Health Centre and was examined by Dr Ian Cauchi MD and was certified that he suffered slight injuries to his left foot and was sent home."

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Anthony Cortis fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*.

Ra x-xhieda ta' PS 1429 Eric Mangion fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz.

Jghid li dakinhar ta' l-incident Darren Galea kien jidher xurban izda m'ghamilx il-*breathalyzer test* ghaliex kien hassu hazin u haduh il-klinika. Meta mar il-klinika sar jaf li Galea ma kienx qalilhom li kien involut f'incident.

Jghid illi fil-vettura ta' Galea kellu kaxxu tax-xorb. Il-vettura tieghu hija ta' Delicata li jaghmel *deliveries* tax-xorb izda PS 1429 Eric Mangion jghid illi xamm ir-riha tax-

xorb minn Galea mhux mill-karozza. Jikkonferma li kienu ttiehdu proceduri kontra Galea u wehel fil-Qorti tat-Traffic.

Jikkonferma wkoll illi Triq Dun Lawrenz Degabriele hija *two way*.

Ra x-xhieda ta' Darren Galea fejn jghid illi hu kien gej minn Triq il-President Anton Buttigieg sejjer fid-direzzjoni lejn il-Qajjenza. Jikkonferma li kif qabez il-karozza HAA 882 hu zied il-gass u kif ghamel hekk hass daqqa ta' karozza fil-genb tal-karozza tan-naha l-ohra. Jghid illi d-daqqa ma kienetx fuq in-naha tad-*driver*. Jghid ukoll li bid-daqqa tilef il-kontroll u spicca habat fil-karozzi pparkjati.

Kien ghaddej b'xi sittin kilometru. Ma jaqbilx mal-*brake marks* ta' tlieta u ghoxrin metru kif jidhru fl-iskizz.

Ma jaqbilx mar-Rapport tal-pulizija.

Jikkonferma li wara l-habta kellu siequ miksura u li ntilef minn sensih. Jghid li tal-familja wasluh il-klinika ta' Rahal Gdid imbaghad l-isptar.

Jikkonferma li ma kienx xurban.

Ra x-xhieda ta' Salvu Borg fejn jghid illi kien qed isuq il-vettura HAA 882 fi Triq il-President Anton Buttigieg. Jghid li hu ghamel l-*indicator* sabiex jikser fuq il-lemin ghal Triq Dun Lawrenz Degabriele.
Jghid li harget vettura *wrong side* minn Triq Dun Lawrenz Degabriele u baqghet diehla gol-vettura tieghu w imbaghad fil-karozzi pparkjati. Jikkonferma li l-karozza l-ohra dahlet fil-bieba tan-naha tieghu u fil-*mudguard*.

Jikkonferma wkoll illi qabel id-daqqa hu ra l-karozza l-ohra. Jichad illi l-karozza ta' Galea kienet gejja mill-istess direzzjoni li kien gej hu. Ma semax horn.

Jghid li wara l-habta hu baqa' kif kien jigifieri baqa' wieqaf.

**Ikkunsidra**

Illi fir-Rapport tal-pulizija gie rrapportat li l-konvenut Darren Galea kien gej minn Triq Dun Lawrenz Degabriele. Galea jichad dan. Il-konvenut l-iehor Salvu Borg jikkonferma li Galea kien gej minn Triq Dun Lawrenz Degabriele. Mir-Rapport tal-pulizija, mix-xhieda tal-partijiet u mill-iskizz jirrizulta manifestament li l-konvenut Darren Galea kien responsabbli ghall-incident. Galea kien qieghed isuq bi *speed* eccessiv fejn inkrocju. Galea naqas li jzomm il-karozza tieghu taht kontroll necessarju. Mill-iskizz jirrizulta wkoll li Galea ma kienx qed isuq fuq ix-xellug tat-triq kif kellu l-obbligu li jaghmel.

Il-konvenut Salvu Borg jghid li hu kien wieqaf fil-mument tal-habta. Skond l-iskizz il-*brake marks* li halla Galea huma taht il-vettura ta' Borg. Qabel ma dar lejn il-lemin Borg kellu l-obbligu li jassigura li ma kienx hemm karozzi warajh. Mill-iskizz jirrizulta li Borg waqaf wara l-habta f'nofs it-triq. Illi suppost Borg waqaf fuq ix-xellug tat-triq u hares warajh qabel ma dar fuq il-lemin. Illi fic-cirkostanzi, billi Borg naqas milli jzomm *a proper lookout* u naqas li jara x'kien gej minn warajh qabel ma dar, Borg ghandu jigi mizmum responsabbli wkoll in parti ghall-incident. (Ara **Elmo Vs Spiteri - Tribunal Ghal Talbiet Zghar 9/12/2003** u **Dobler Vs Caruana - PA 5/10/1998**).

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-esponent jidhirlu li z-zewg konvenuti huma responsabbli b'mod ugwali ghall-incident u ghad-danni.

Id-danni mhux ikkontestati u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposti taz-zewg konvenuti, jiddikjara li z-zewg konvenuti huma responsabbli b'mod ugwali ghall-incident u jikkundanna liz-zewg konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta' elf mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,286.88c) bl-ispejjez u bl-imghax mis-27 ta' Mejju, 2004 kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------